Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68

Data tal-laqgħa: 28 ta' Awwissu 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

68.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

68.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 67. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

68.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier SG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 68.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

68.3.1 Para 67.3.1 – *Speed tables*
Is-SE qalet li għadha qed tistenna l-kwotazzjoni għall-i*speed table* li se ssir fi Triq Ġuże' Bonnici. Is-Sindku talab li nitolbu kwotazzjoni lill-kumpanija oħra.

68.3.2 Para 67.3.2 – Bankina fi Pjazza Bertu Fenech
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għall-permess biex isiru 2 *parking bays* mindudin fuq il-bankina ta' quddiem Kola Store, ma ġietx approvata minn TM.

68.3.3 Para 67.3.3 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li t-talba tal-Kunsill biex nixgħelu l-akwadott b'dawl bil-kulur meta jkun hemm xi avveniment ġiet approvata mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali. Is-SE qalet li qabel nixtru l-*covers* tal-kulur, irridu nidentifikaw min hu responsabbli jirranġa d-dwal għax mhux jixgħelu.

68.3.4 Para 67.4.2 - Triq il-Kbira
IM infurmawna li l-kuntratt għax-xogħlijiet ġie mgħoti u għalhekk l-isqaqien ta' Triq il-Kbira ma jistgħux jiġu inklużi. Is-Sindku talab li nistaqsu lill-IM biex jindikawlna meta qed jiġi ppjanat li jibdew ix-xogħlijiet.

**F'dan il-ħin (4.10pm) daħal il-Kunsillier AG għal-laqgħa.**

68.3.5 Para 67.13.1 - Kwotazzjonijet – *Central strip* fi Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal
Is-SE infurmat li l-kuntrattur applikau qed jistenna li jinħariġlu l-permess tat-*trenching* biex ikun jista' jibda bix-xogħlijiet.

## 68.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

68.4.1 Laqgħa mal-ERA
Is-Sindku infurma li fl-14 ta' Settembru, flimkien mas-SE se ssir laqgħa mal-ERA fuq it-tieni sit tal-B-I-S. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jirrifjuta sit addizzjonali għal raġuni li fil-lokalità m'hawn l-ebda post mhux abitat fejn jista' jsir sit ġdid. Dawn is-siti huma lok ta' rimi ta' skart illegali. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ser jibqgħu jinsistu li nżiedu sit ieħor, il-Kunsill se jkun kostrett inaqqas il-*bins* mis-sit eżistenti għall-minimu ta' erbgħa (4).

68.4.2 Talba għal laqgħa
Is-Sindku infurma li l-klabb tal-Football ta' Ħal Balzan qed jitolbu laqgħa mall-Kunsill. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

68.4.3 Dar perikoluża fi Vjal De Paule
Is-Sindku infurma li fi Vjal De Paule hemm dar abbandunata b'riskju li tiġġarraf. Spjega li bħala Kunsill għamilna rapport mall-Pulizija, fejn fl-aħħar irnexxielhom jidentifikaw is-sid. Is-Sindku qal li l-Pulizija ser

68.4.4 iqabbdu l-Perit tal-Gvern iħejji rapport dwar l-istat tad-dar, fejn jekk jinstab li hemm riskju, is-sid jiġi ordnat isewwi l-periklu. Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsillier SG li ġibed l-attenzjoni ta' dan il-periklu.

68.4.5 Plakka tal-isem tat-triq
Is-Sindku infurma li talab li tinbidel il-plakka tal-isem ta' Triq il-Kbira fl-akwati tal-Costa Coffee għal waħda taċ-ċeramika għax li hemm huwa mill-antiki. Il-Kunsill approva.

68.4.6 Laqgħa mall-Pulizija
Is-Sindku infurma li fil-laqgħa li kellu mall-Pulizija issemma li qed ikun hemm nies suspettuża fil-bandli u għalhekk talab li jiżdied id-dawl fil-gazebo. Is-SE infurmat li trid tinbidel il-batterija tas-*solar* li tixgħel id-dawl tal-gazebo. Il-Kunsill qabel li tinbidel mill-aktar fis possibbli.

## 68.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

68.5.1 Il-Kunsillier AG staqsa jekk it-tabella '*No Road Markings'* kienitx tneħħiet minn Triq il-Ferrovija l-Qadima issa li saru r-*road markings*. Is-SE infurmat li din it-talba qatt ma waslet għand il-Kunsill u se tinforma lill-ħaddiema biex ineħħu t-tabella.

68.5.2 Il-Viċi Sindku MLB staqsiet dwar jekk hemmx indikazzjoni meta se tiġi rranġata t-triq quddiem Benrikville. Is-SE infurmat li kellmet lill-kuntrattur dwar dan u għadu ma jafx meta se ssir. Se nitolbuh jirranġa l-ħsara mill-aktar fis possibbli.

68.5.3 Il-Viċi Sindku infurmat li hemm bżonn li tiġi rranġata tappieri fi Triq Ġuże' Bonnici għax qed tisfronda u l-bankina ta' quddiem Rojolin Bakery għax miksura.

## 68.6 Rapporti

68.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 68.7 Skemi Finanzjarji

68.7.1 Skema Finanzjarja - Għajnuna lill-NGOs
Is-SE infurmat għal din is-sena ir-Reġjun Tramuntana qed jerġa' joħroġ Skema Finanzjarja (€3K) biex tassisti lill-NGOs fil-lokalità. Din l-iskema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 68.8 *Traffic Management* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

68.8.1 Ġie innutat li s'issa kien hemm *feedback* pożittiva ħafna u jidher li dan l-arranġament intlaqa' tajjeb.

68.8.2 Kif intqal fil-laqgħa preċedenti, issa żdied l-i*speeding*. Ġie nnutat li jekk il-problema tibqa' tippersisti, se nitolbu lill-awtoritajiet biex jistazzjonaw uffiċjal bi *speed gun* fiż-żona.

## 68.9 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

68.9.1 Is-Sindku infurma bil-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' rappreżentant tal-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, flimkien mas-Sur Steve Ellul (Project Green) dwar il-proġett propost mill-Kunsill. Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll il-Perit tal-Kunsill, fejn ippreżenta disinn alternattiv għas-sit li jinkludi fih aktar *greenary* bil-proposta preċedenti.

68.9.2 Is-Sindku qal li l-proposta l-ġdida jidher li ntlaqgħet tajjeb minnhom u ssuġġerixxa li jekk toħroġ Skema Finanzjarja oħra, il-Kunsill għandu japplika. Is-SE fakkret li l-Kunsill diġà nefaq madwar €30K fuq pjanti u stimi biex issottometta applikazzjoni li ma ġietx approvata u li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jerġa' japplika, iridu jintefqu aktar flus biex jinbidlu l-pjanti u l-istimi.

68.9.3 Is-Sindku qal li jekk terġa' toħroġ l-iskema, iħoss li l-Kunsill għandu jipprova japplika u għalhekk il-Kunsill qabel li din tiġi diskussa jekk / meta toħroġ skema ġdida.

68.9.4 Il-Kunsillier SG infurma li l-Kunvent kieku japprovaw li jsiru *creepers* mal-ħajt f'forma ta' arkata. Is-SE ser tiċċekkja mall-kuntrattur tal-*Parks & Gardens* dwar jekk dan hux possibbli u biex jagħtina kwotazzjoni.

68.9.5 Dwar il-kuntrattur tal-*Parks & Gardens* issemma l-fatt li hemm bżonn li jibdel il-fjuri nixfin mill-*playing field,* kif ukoll titnaddaf il-ħamrija ta' Wesgħa Ġiġi Gauci mill-ġebel.

## 68.10 Jum Ħal Balzan 2023

68.10.1 Is-Sindku infurma li nhar il-Ħamis se ssir laqgħa dwar l-attività.

68.10.2 Kien hemm diskussjoni dwar il-post u l-Kunsill iddeċieda li l-attività issir fi Pjazza Annunzjata.

68.10.3 Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-għaqdiet tar-raħal biex jinfurmawna humiex interessati jarmaw *stand* bl-ikel / xorb. Se ssir laqgħa mal-għaqdiet interessati biex jiġu infurmati bid-dettalji.

68.10.4 Se jiġi kkuntattjat il-Kappillan biex issir il-Quddies ta' Ringrazzjament, il-Ħadd 29 ta' Ottubru 2023.

68.10.5 Ġie diskuss il-programm tal-attività, fejn se jiġi ffinalizzat aktar 'il quddiem.

## 68.11 Attivitajiet għal żmien il-Milied

68.11.1 Il-Kunsill ser ikun qed jippjana biex tiġi organizzata attività żgħira fil-bandli għal żmien il-Milied. Id-dettalji jiġu kkonfermati aktar 'il quddiem.

## 68.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

68.12.1 Akkumulu ta' *leave* għas-sena 2024
Is-SE talbet lill-Kunsill għall-approvazzjoni permezz ta' reżoluzzjoni sabiex takkumula 70 siegħa mill-*leave* tal-2023 ma' tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva unanimament.

68.12.2 Kwotazzjoni għall-uniformijiet tax-xitwa
Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni biex jinxtraw l-uniformijiet tax-xitwa tal-impjegati klerikali u tas-SE.

68.12.3 Ċirkulari Nru. 16/2023 – Europride 2023 Malta
Ġiet innutata Ċirkulari Nru. 16/2023 mibgħuta mid-DGL. Il-Kunsill iddiskuta u mhux se jipparteċipa. Il-Kunsill xtaq jagħmilha ċara li din id-deċiżjoni mhix kontra n-natura ta' l-attività però ma jaqbilx mad-Direttorat li l-ispejjeż jaqgħu fuq il-Kunsill. Fi snin preċedenti, il-Kunsill kien jiġu offrut materjal b'xejn bħala promozzjoni. Il-Kunsillier ONDG ma qabilx mad-deċiżjoni tal-Kunsill.

68.12.4 *European Week for Waste Reduction* 2023
Ġiet innutata *email* mibgħuta minn WasteServ dwar il-EWWR 2023. Fuq proposta tal-Kunsillier AG, il-Kunsill qabel li jipparteċipa billi jistieden artisti joħolqu oġġetti magħmula minn *Packaging Waste.* Dawn l-oġġetti mbagħad jiġu mibjugħa u d-dħul kollu jingħata lill-karità.

68.12.5 Ġita fi Sqallija
Il-Viċi Sindku MLB tat id-dettalji lill-Kunsill tal-ġita għal Sqallija li qed torganizza għall-14 u 15 ta' Ottubru 2023. Is-Sindku irringrazzja lill-Viċi Sindku ta' din l-inizjattiva.

## 68.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

68.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 08/23, li tinkludi l-ammont ta' €135.88c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2023.

68.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Viċi Sindku MLB. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 68.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

68.14.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.35pm.

68.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 19 ta' Settembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |